**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Frar 2023**

Rikors Numru: 232/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 1056/1996)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Parrocca ta' Hal-Lija, nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u dan kif jirrizulta mic certifikat taz-zwieg li qed jigi hawn annessa u mmarkat bl-ittra "A";

2. Illi l-partijiet m'ghandhomx ulied flimkien;
3. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ppubblikat minn Nutar Dottor Ian Spiteri nhar id-dsatax (19) ta'

Lulju, tas-sena elfejn u sittax (2016) li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "B";

4. Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, gja ghaddew kwazi sitt snin mid-data tas-separazzjoni legali ta' bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom (affidavit hawn anness u mmarkat bl-ittra "C");

5. Illi kif jirrizulta wkoll mill-artikolu 4 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jercievu manteniment minghand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tordna d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;

2. tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien li jigi lilu ffissat ghal dan l-iskop minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Mejju 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti twiegeb li m'ghandha l-ebda oggezzjoni fir-rigward tar-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Lulju 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.